L-Aħbar
mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta
Frar 2018
Nru. 226

# Oħtna l-mewt issejjaħ tnejn minn ħutna



Nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru, oħtna l-Mewt żaret lil P. Cherubin Galea OFM, ġewwa "Id-domus Pacis' f'Baħar iċ-Ċagħaq.

Is-Sibt 20 ta' Jannar terġa' żżurna permezz tal-mewt tal-Mons. Sylvester C. Magro ġewwa l-isptar Mater Dei.

P. Cherubin twieled Għajnsielem, Għawdex minn Saviour Galea u Michelina Spiteri nhar is-6 ta' Jannar, 1932, u ngħata l-isem ta' Ramiro.

Libes il-libsa Franġsikana u beda n-Novizzjat fl-24 ta' Settembru, 1950 u għamel il-Professjoni Temporanja nhar it-30 ta' Settembru 1951 u dik Solenni fl-14 ta' Novembru 1954.

Ġie ordnat Saċerdot fit-2 ta' April, 1960. Għal bosta snin qeda b'ħafna umiltà u sempliċità s-servizz ta' Sagristan Maġġur fil-knejjes tagħna ta' Santa Marija ta' Ġesù l-Belt, Valletta u ta' San Franġisk il-Ħamrun. Kien Franġiskan maħbub u konfessur imfittex. Għex l-aħħar snin ta' ħajtu ġewwa *Domus Pacis Franciscan Retirement Friary* f'Baħar iċ-Ċagħaq u ngħaqad mal-Mulej għal dejjem nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru 2017, ikkonfortat mis-Sagramenti mqaddsa, fl-għomor ta' 85 sena.

Mons Sylvester Carmel Magro, li serva bħala Vigarju Appostoliku ta' Benghazi fil-Libja mill-1997 sa 2016, ħalla din id-dinja s-Sibt, 20 ta' Jannar, fl-età ta' 76, ikkonfortat bis-sagramenti mqaddsa.

Mons. Sylvester Carmel Magro, twieled ir-Rabat fl-14 ta' Frar 1941, huwa




*ikompli f'paġna 3*

## Sena Ġdida – Bidu Ġdid

Bl-għajnuna t'Alla qed naraw il-bidu ta' sena oħra, ġdida. Sena mimlija aspirazzjonijiet, tama, aspettattiva, impenn u elf ħaġa oħra li jimmarkaw il-ħajja tagħna lkoll f'mument partikolari bħal dan. Is-sena li għaddiet, għaddiet darba għal dejjem, bis-sabiħ u bl-ikrah tagħha u bit-tajjeb u l-ħażin tagħha. Opportunitajiet mirbuħa, u oħrajn mitlufa darba għal dejjem. Sena li għal dan kollu raddejna ħajr 'l Alla fi tmiemha u afdajna f'idejH dak li Hu għandu lest għalina f'din is-sena li bdejna. Konvinti imma li xejn ma jsir b'kumbinazzjoni u kollox isir f'ħinu u f'waqtu, skont il-pjan t'Alla u mhux tagħna!

Din is-sena għandha tkun għalina sena ta' ħidma partikolari. Fil-ġimgħat li ġejjin, bl-għajnuna t'Alla, għandna nibdew ix-xogħol fuq il-*Franciscan Retirement Friary* ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Post li barra li se jkun jista' jilqa' fih sa sbatax morda u anzjani, se jkun magħmul *tailor made* għall-bżonnijiet tagħhom. Kif inhu maħsub, oltre li jkun hemm kmamar riżervati għall-aħwa tagħna, se jkun ukoll miftuħ għal reliġjużi oħra irġiel ta' Ordnijiet oħra li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minn dan is-servizz li se tibda toffri l-Provinċja tagħna lilhom ukoll wara s-suċċess tal-esperiment li għamilna u li ilu

*ikompli f'paġna 2*

*minn paġna 1*

għaddej sa mill-aħħar ta' Jannar 2015. Sfida oħra se tkun il-bini ta' kunventin fuq iċ-Ċentru tal-Knisja tagħna ġewwa l-Mġarr Għawdex li l-permess tiegħu mistenni joħroġ fid-9 ta' dan ix-xahar bil-għajnuna t'Alla.

Imma minkejja dan kollu nħoss li l-aqwa avveniment li għandna nħarsu lejh din is-sena huwa Kapitlu tal-Ħsajjar li huwa maħsub li jsir aktar tard din is-sena. Kapitlu li ma jkunx qiegħed jiffoka daqstant fuq l-amministrazzjoni Provinċjali li tkun waslet biex tintemm jew l-amministrazzjoni Provinċjali ġdida, imma aktar fuq il-ħajja tagħna ta' aħwa żgħar - *Frateres et Minores*, partikolarment fejn jidħlu l-Ġustizzja, il-Paċi u l-Ħarsien tal-Ambjent. 'Il quddiem tingħata aktar informazzjoni dwar dan biex l-aħwa kollha jkunu jistgħu jieħdu sehem fih, b'mod li possibilment anke dawk imsefrin ikunu preżenti u jieħdu sehem attiv ukoll. Diġà semmejna xi ħaġa fl-aħħar Definitorju Provinċjali li kien sar f'Diċembru. Issa ser ikun l-ewwel fuq l-aġenda tal-laqgħa tad-Definitorju Provinċjali li jmiss fit-8 ta' Jannar.

Is-suċċess ta' dan kollu jiddependi minn Alla, li kollox jibda minnu u fih jintemm u kollox isir biss u dejjem għall-akbar glorja tiegħu, imma aħna nagħmlu wkoll il-parti tagħna speċjalment bit-talb u bi preparazzjoni spiritwali li jagħmluna miftuħin beraħ u mingħajr riżervi ta' xejn għall-azzjoni tal-Ispirtu! Jekk għandna nagħmlu proponiment għal din is-sena nħoss li għandu jkun li nħallu l-Ispirtu jmexxina u jeħodna fejn irid Hu. Ejja "…..ma nxekklux l-Ispirtu! Ma nmaqqdrux il-profezija!" kif iħeġġiġna San Pawl.

Nawgura minn qalbi lilkom ilkoll Sena Ġdida mimlija Risq u Barka Smewwija! Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Definitorju Provinċjali 4 ta' Diċembru

L-aħħar laqgħa tad-Definitorju Provinċjali għas-sena 2017 saret ġewwa Baħia, il-Mellieħa, nhar l-4 ta' Diċembru fid-9.30am. Wara t-talba tal-bidu mill-Ministru Provinċjal, inqraw il-minuti tal-laqgħa ta' qabel li kienu mgħoddija unanimament minn dawk preżenti.

Waqt din il-laqgħa ġew deċiżi d-dati tal-laqgħat li jmiss matul is-sena 2018. Ġie deċiż fuq parir tal-Ministru Provinċjal li għal din is-sena dawn il-laqgħat isiru fil-kunventi tagħna kemm sabiex l-aħwa ma jħossuhomx maqtugħin mill-amministrazzjoni Provinċjali, kif ukoll sabiex tkun opportunità li l-membri tad-Definitorju jżuru u jiltaqgħu mal-aħwa fl-ambjent li huma jgħixu fih. Għal dan il-għan l-ewwel laqgħa se ssir fit-8 ta' Jannar ġewwa l-kunvent tagħna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema!

Wara l-membri tad-Definitorju Provinċjali se jingħaqdu mal-fraternità għall-ikla fraterna li għaliha se jkun hemm ukoll il-fraternità ta' Santa Marija tal-Anġli li hija Dar Filjali tal-Kunvent ta'Tas-Sliema. Fit-12 ta' Frar imbagħad se ssir laqgħa konġunta oħra bejn id-Definitorju Provinċjali u l-Gwardjani u s-Superjuri Lokali. Din se ssir ġewwa ċ-Ċentru Franġiskan, Baħar iċ-Ċagħaq.

Matul din il-laqgħa wkoll ġie deċiż li jintalbu d-dati tal-kapitlu konventwali u l-irtiri tax-xahar li saru matul is-

b'korripondenza sena li għaddiet (2017) kif ukoll dawk li għandhom isiru matul is-sena l-ġdida (2018). (Is-Segretarju Porvinċjali jinnota b'dispjaċir li sa issa kienu biss żewġ fraternitajiet li wieġbu għal din l-informazzjoni u għandu jkompli jinsisti li tingħata minn dawk li naqsu li jagħmlu dan).

Wara l-Ministru Provinċjal informa lil dawk preżenti li waslitlu mill-Kurja Ġenerali, mill-*English Speaking Conference* u mill-Arċidjoċesi ta' Malta. Fl-aħħar ingħataw l-awguri tal-festi t-tajba u l-laqgħa ntemmet b'ikla fraterna ġewwa l-Mellieħa.

Frar

## Appuntamenti

**12** ta' Frar, Laqgħa konġunta, Definitorju Provinċjali u Gwardjani u Superjuri Lokali, fid-9.30am ġewwa ċ-Ċentru Franġiskan, Baħar iċ-Ċagħaq

**14** ta' Frar, Ras ir-Randan. Sessjoni ta' Formazzjoni Permanenti ġewwa ċ-Ċentru Franġiskan, Baħar iċ-Ċagħaq. Nispiċċaw b'ikla flimkien. 9.30am.

### Birthdays - Frar

07. P. Alfred Tabone
14. P. Joseph Ciappara
27. P. Pawl Galea

### Festi - Frar

07. P. Richard Grech Stanley
10. P. Pawl Galea
10. P. Paul Attard

minn paġna 1

# ...Mons. Sylvester C. Magro, OFM

studja fil-Kulleġġ Stella maris tal-Gżira u ngħaqad mal-Patrijiet Franġiskani fl-1957. Studja l-filosofija u t-teologija fis-Seminarju Franġiskan tar-Rabat. Hu pprofessa fl-1962 u kien ordnat saċerdot fl-1966. Huwa kompla l-istudji tiegħu fl-Università Pontificja Antonianum u f'dik tal-Lateran f'Ruma fejn ħa d-dottorat fit-teoloġija dommatika u fit-teoloġija pastorali.

Meta ġie lura Malta, Mons. Magro beda jgħallem it-teoloġija fis-Seminarju Franġiskan. Fl-1982 inħatar kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema. Fl-1988 huwa ngħaqad fil-missjoni Franġiskana tal-provinċja ta' Milan fil-Libja, li aktar tard f'Mejju tal-1991 għaddiet f'idejn il-provinċja tagħna ta' Malta.

Fl-istess żmien hu nħatar vigarju ġenerali tal-Isqof Giovanni Martinelli. Inħatar ukoll kappillan tal-komunità Kattolika Maltija u tal-komunitajiet kattoliċi li jitkellmu bl-Ingliż.

Fl-1997 huwa nħatar Isqof ta' Salde u Vigarju Apostoliku ta' Benghazi fil-Libja.

Huwa kien konsagrat f'Malta fl-1997. Fi Frar 2006 l-Isqof Magro kien kostrett li jibqa' Tripli minħabba l-attakki fuq Kristjani tal-Punent li nqalgħu wara l-attakki li kienu saru fuq il-Profeta Muhammed f'partijiet differenti tal-Ewropa. Aktar tard il-knisja u d-dar tal-Isqof Magro ġew attakkati, misruqa u ngħataw innar.

Fll-2002, Mons. Magro ngħata 'The cross of the Equestrian Order of Merit' mill-President Pollakk, għall-ħidma tiegħu fost il-komunità kattolika Pollakka fil-Libja. Huwa kiteb żewġ kotba dwar "Il-Verġni Marija fil-Bibbja" u "Min hi Marija?".

Il-Ħadd 21 ta' Jannar fit-8.30am saret l-ewwel parti tal-funeral. Il-korteo funebri telaq mill-Isptar Mater Dei għal fuq is-Saqqajja, ir-Rabat fejn minn hemm kien akkumpanjat mill-Banda L'Isle Adam u mill-Banda Sliema sal-kunvent tal-Patrijiet Minuri ta' Triq San Pawl, ir-Rabat.

L-għada t-Tnejn 22 ta' Jannar fid-9.30am l-korteo telaq mill-istess kunvent għall-Katidral Metropolitan tal-Imdina, fejn hemmhekk saritlu l-Quddiesa *presente cadavere* mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna Arċisqof ta' Malta. Id-difna saret fil-Kappella tal-Provincja fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata.









## Andrè Bonaci : Postulant Ġdid



Nhar il-Ħadd 7 ta' Jannar ġewwa d-Dar tal-Formazzjoni, fil-Kunvent tagħna ta' Santa Marija ta' Ġesù, ir-Rabat, Andrè Bonaci mill-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, l-Ibraġġ (Swieqi), beda l-Postulandat fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Minuri.

Għal din l-okkażżjoni kienu mistednin l-familjari tal-Postulant kif ukoll il-Patrijiet. Iċ-ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti billi flimkien tlabna t-talba tal-Għasar u wara ħsieb mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM, Andrè libes s-sinjal tat-Tau Franġiskan.

Il-Provinċjal laqa' lil Andrè għal din l-esperjenza iktar intensa ta' dixxerniment iktar mill-qrib. Huwa tkellem fuq il-festa tal-epifanija li magħha ġġib xi elementi importanti għan-nisrani.

L-ewwel li rridu noħorġu mill-*comfort zone* tagħna – ma nibqgħux magħluqin fejn inħossuna komdi, kif wara kollox għamlu s-slaten maġi. In-nisrani ma jistax dejjem jgħix f'din il-*comfort zone* għax inkella qatt ma tista' tagħmel il-pass li jmiss, li jfittex lil Ġesù. Is-slaten Maġi kellhom raġuni u skop għaliex kellhom jitilqu mill-*comfort zone* tagħhom, telqu biex ifittxu lil Ġesù, u l-Franġiskan kuljum rrid jagħmilha u f'din it-tfittxija nibqgħu nipperseveraw sakemm insibu u mhux naqtgħu qalbna quddiem id-diffikultajiet. Ma naqtgħux qalbna u ngħidu li se nerġgħu lura għax fejn konna, konna aħjar! Irridu nibdew din it-tfittxija bil-għerf u l-għaqal kif għamlu s-slaten maġi – ix-xjenza ma kinetx ta' tfixkil għalihom, anzi għenithom biex isibu min kien Ġesù: is-sultan tas-slaten: Alla magħmlu bniedem.

Il-pass li jkun imiss huwa x'nagħmlu meta insibu lil Ġesù. Dak li għamlu s-slaten – li narawh bħala Alla u Sultan u nadurawh għax bosta nsara tajbin illum jinsew jaduraw lil Ġesù. Wara jkun imiss li noffri r-rigali tiegħi u d-direzzjoni ġdida li kuljum rrid nagħti lil ħajti.

## Festa tal-Epifanija għand il-Klarissi



Il-Provinċja Franġiskana flimkien mal-Klarissi ċċelebraw il-Festa tal-Epifanija fil-Monasteru tal-Klarissi f'San Ġiljan, nhar l-Ġimgħa 5 ta' Jannar. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Vigarju Provinċjali P. Marcellino Micallef, OFM fil-prezenza ta' diversi patrijiet.

Fl-omelija tiegħu huwa tkellem dwar l-importanza li nimxu fid-dawl, għax id-dawl iġib il-ferħ u l-ebda dlam ma jitfi d-dawl tax-xemgħa, u għalhekk importanti li fil-ħajja nimxu fid-dawl. Huwa kkwota li Sant'Ambroġ meta jitkellem fuq d-dawl: "tabilħaq bħall-qamar tiddi l-Knisja, tiddi mhux bid-dawl tagħha imma bid-dawl ta' Kristu, mhux iżjed jien li ngħix, imma Kristu jgħix fiha". Kristu hu l-veru dawl u mhux s-soċjetà, għax is-soċjetà ma twassalx d-dawl u għalhekk din il-festa tgħinna biex inkomplu nankraw fiH, inkomplu nrabbu għeruq fil-fond u b'saħħithom u li nħallu lilu jdawwalna. Huwa importanti li fl-aħħar mill-aħħar irridu nwassluh lill-oħrajn u lil dawk ta' madwarna.

Lejn tmiem taċ-ċelebrazzjoni l-Madre Badessa wkoll wasslet il-messaġġ tagħha, kemm ta' ringrazzjament tal-viċinanza kif ukoll tkellmet dwar l-importanza li nkunu bnedmin ta' talb u jkollna relazzjoni spiritwali ma' Alla u għalhekk ma rridux inħallu l-ħajja magħġla li għaddejjin minnha ttellifna għax il-poplu għadu jrid jisma' kelma profetika u li dan jiġi mir-relazzjoni tagħna ma' Alla.

**KONSAGRAZZJONI TAL-ARTAL TAL-KNISJA TA' STA. MARIA TA' ĠESÙ, IR-RABAT**

**IL-ĦAMIS 1 TA' MARZU 2018 FIS-6.00PM**




**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21234316 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*